TAKING GENDER EQUALITY
TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# KEMM AĦJAR...

Minn filgħodu jbakkar kmieni
għax-xogħol jaħseb miż-żerniq.
Biex iġib kuljum il-ħobża
jħalli d-dar għal għonq it-triq.

Wara x-xogħol imur xogħol ieħor
idum jaħdem siegħat twal.
U warajh iħalli ‘l martu
tieħu ħsieb id-dar u t-tfal.

Jidħol tard, it-tfal ġa raqdu
bil-faċendi l-mara għejjiet,
isib borma kemm isaħħan
b’hekk ġurnata oħra għaddiet.

**REF:**

Kemm aħjar li l-ġenituri
jaqsmu ħinhom għall-ulied,
jaqsmu x-xogħol li jagħmlu barra,
jaqsmu f’darhom il-ħidmiet.

Ħadd ma jitlef dak li tgħallem.
Ħadd ma jsefter bil-fardal.
Biex tissaħħaħ il-familja
it-tnejn jagħtu ħin lit-tfal.

Jasal anke tmiem il-ġimgħa
għall-missier dawk il-jumejn
għal ftit ħin mat-tfal u martu,
malajr jasal sbieħ it-Tnejn.

Terġa’ tibda ir-rutina
minn filgħodu xogħol bi qliegħ
sakemm jasal tard fl-għaxija
forsi jmur id-dar jistrieħ.

Isib nota “Pa inħobbok,

TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

għada nagħlaq disa' snin.
Ma nixtieqx rigali aktar;
kulma rrid ftit aktar ħin."

**REF:** Kemm aħjar li l-ġenituri eċċ...

joe julian farrugia